# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

### GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 1 TA' MARZU, 2002

**Avviz Nru: 78/02 AJD**

**Borg & Aquilina Limited**

**vs**

**Joseph Micallef**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Jannar, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tnejn u hamsin lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm352.46) dovuta bhala bilanc minn prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut fuq ordni tieghu stess. Ghalkem gie interpellat biex ihallas permezz ta' ittra ufficjali datata 28 ta' Novembru, 2001, baqa' inadempjenti. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Novembru, 2001, u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Michelle Pace, ghas-socjeta' attrici, li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tnejn u hamsin lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm352.46) bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Novembru, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**